Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li, minħabba l-klassifikazzjoni insuffiċjenti taż-żoni speċjali ta' protezzjoni, kemm fin-numru kif ukoll fid-daqs, ir-Rumanija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 79/409.

(1) Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konsevazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1 p. 98 — 117)

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-525/09)**

(2010/C 51/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Marghelis u G. Braga da Cruz, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/21/KE (1) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE, jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 25 ta' din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fit-30 ta' April 2008.

(1) ĠU L 102, p. 15

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-526/09)**

(2010/C 51/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u G. Braga da Cruz, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddikjara li billi ppermettiet il-ħruġ tal-ilma industrijali mormi tal-impjant industrijali, li jinsab fiż-żona ta' Matosinhos, "Estação de Serviço Sobritos" mingħajr awtorizzazzjoni regolari, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE (1), tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Sal-ġurnata preżenti, ir-Repubblika Portugiża għadha ma informatx lill-Kummissjoni dwar jekk il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-impjant industrijali "Estação de Serviço Sobritos" ġietx konkluża.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir–Renju ta' Spanja

**(Kawża C-529/09)**

(2010/C 51/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: L. Flynn u C. Urraca Caviedes, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

### Talbiet tar-rikorrenti

— Tiddikjara li r-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/509/KE, tal-14 ta' Ottubru 1998, dwar għajnuna mogħtija minn Spanja lill-impriżi tal-grupp Magefesa u s-suċċessuri tiegħu (ĠU 1999, L 198, p. 15), billi ma adottax il-miżuri neċessarji sabiex jiplementa l-imsemmija deċiżjoni firrigward ta' Industrias Domésticas, S.A. (Indosa)

— Tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.